## Il-Ħadd, 12 ta' Mejju 2019

Ġesù qal:
"In-nagħaġ tiegħi
jisimgħu leħni,
u jiena nagħrafhom,
u huma jimxu warajja.
U jiena nagħtihom
il-ħajja ta' dejjem;
u huma ma jintilfu qatt,
u minn idejja
ma jaħtafhomli ħadd.
Missieri, li tahomli,
hu akbar minn kulħadd,
u ħadd
ma jista' jaħtafhom
minn id il-Missier.
Jien u l-Missier
aħna ħaġa waħda."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann,***
***kapitlu 10, versi 27-30***

162

"Ġesù jsejħilna biex nieħdu sehem
fir-relazzjoni tiegħu mal-Missier,
u din hi l-ħajja ta' dejjem. Ġesù
jrid li mal-ħbieb tiegħu jkollu
relazzjoni li hija xbieha ta' dik
li Hu stess għandu mal-Missier:
relazzjoni ta' appartenenza
reċiproka f'kunfidenza sħiħa,
f'għaqda intima. Biex ifisser din
il-fehma qawwija, din ir-relazzjoni
ta' ħbiberija, Ġesù juża x-xbieha
tar-ragħaj man-nagħaġ tiegħu:
huwa jsejħilhom,
u huma jagħrfu leħnu, iwieġbu
għas-sejħa tiegħu u jimxu warajh."

PAPA FRANĠISKU,
*Regina Coeli,* 21 April 2013

*Xi stima għandi tiegħi nnifsi?*

*Xi stima għandi ta' Alla?*

# Alla li jiffissa

Għalik, Mulej, jien għandi isem;
jien għandi personalità;
jien xi ħadd.
U dan l-għarfien min-naħa tiegħek
lilek jagħmlek iffissat fuqi:
iffissat biex lili ddeffisni
fir-rabta li Inti għandek ma' Alla Missierek;
iffissat biex lili ssemmagħli leħnek;
iffissat biex lili tipproteġini minn dak kollu
li ma jixraqx lid-dinjità li fiha ħlaqtni;
iffissat biex lili tagħmilni ta' ġewwa miegħek;
iffissat biex lili ddewwaqni mħabbtek;
iffissat biex lili tagħmilni ħaġa waħda miegħek.
Grazzi, Mulej,
u agħtini l-grazzja
li jien niffissa fuqek.

## It-Tnejn, 13 ta' Mejju 2019

Ġesù qal:
"Tassew tassew ngħidilkom
li l-bieb tan-nagħaġ huwa jien.
Dawk kollha li ġew sa issa qabli
huma ħallelin u briganti.
Iżda n-nagħaġ
lilhom ma semgħuhomx.
Jiena hu l-bieb;
jekk xi ħadd jidħol ġewwa
permezz tiegħi jsalva,
u jidħol u joħroġ
u jsib fejn jirgħa.
Il-ħalliel ma jidħolx
jekk mhux biex jisraq
u joqtol u jeqred.
Jiena ġejt biex ikollkom il-ħajja,
u ħajja bil-kotra."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann,***
***kapitlu 10, versi 7-10***

163

"Il-bieb ta' Alla x'jismu? Ġesù! Hu jdawwalna fuq il-bibien kollha tal-ħajja, inklużi dawk tat-twelid u l-mewt tagħna. Ġesù hu l-bieb li minnu nistgħu nidħlu u noħorġu. Għax il-maqjel ta' Alla hu kenn għalina, mhuwiex ħabs! Id-dar ta' Alla hi post ta' kenn, mhix ħabs, u l-bieb tagħha jismu Ġesù! U jekk il-bieb ikun magħluq, ngħidulu: 'Mulej, iftħilna l-bieb!' U hu jiftħilna, u jdaħħalna, u joħroġna ... Nistgħu nidħlu bla biża' u noħorġu bla ebda periklu."

PAPA FRANĠISKU,
*Udjenza Ġenerali,* 18 Novembru 2015

*Il-Kelma*
*ta' Kristu*
*nħalliha*
*tindikali*
*kif ngħaddi*
*mill-Bieb*
*li huwa Hu?*

*Ġieli nagħżel*
*li f'ħajti*
*ngħaddi*
*minn*
*bibien oħra?*

# Il-Bieb

Inti, Mulej, il-Bieb
li minnu nidħlu fil-kenn ta' Alla;
Inti l-Bieb li minnu nidħlu
ġewwa l-qalb ta' Alla l-Missier;
Inti l-Bieb
li minnu nidħlu fil-Ħajja Tiegħu;
Inti l-Bieb
li minnu nidħlu fil-pjan Tiegħu ta' fidwa.
Inti l-Bieb
li minnu noħorġu biex ingawdu l-libertà
li fiha tlaqqamna bħala wlied Alla;
Inti l-Bieb
li minnu noħorġu biex insibu fejn nirgħu;
Inti l-Bieb
li minnu noħorġu biex insibu mergħat bnin.
Agħmel, Mulej, li aħna ngħaddu dejjem minnek.

## It-Tlieta, 14 ta’ Mejju 2019

F’Ġerusalemm ħabtet il-festa
tal-Konsagrazzjoni tat-tempju.
Kienet ix-xitwa,
u Ġesù kien miexi
minn naħa għal oħra tat-tempju,
fil-loġġa ta’ Salamun.
Il-Lhud daru miegħu u qalulu:
“Kemm se ddum taqlgħalna ruħna?
Jekk inti l-Messija
għidilna ċar u tond.”
Weġibhom Ġesù:
“Għedtilkom u intom ma temmnux.
L-għemejjel
li nagħmel jien f’isem Missieri
jixhdu għalija.
Iżda intom ma temmnux
għax m’intomx min-nagħaġ tiegħi.”

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann,***
***kapitlu 10, versi 22-26***

## 164

“Il-fidi ma tħarisx biss lejn Ġesù,
iżda tħares bil-mod kif jaħsibha
Ġesù, tħares minn għajnejh:
hi taqsam miegħu l-mod kif jara ...
Ġesù, l-Iben ta’ Alla,
jiġi quddiemna
bħala dak li jfissrilna lil Alla.
Il-ħajja ta’ Kristu
- il-mod kif hu jagħraf il-Missier,
kif jgħix b’mod sħiħ
ir-rabta miegħu -
tiftaħ spazju ġdid
għall-esperjenza tal-bniedem
u aħna nistgħu nidħlu fiha.”

PAPA FRANĠISKU,
Ittra Enċiklika, *Lumen Fidei*, nru 18,
29 Ġunju 2013

*X'fiduċja għandi fi Kristu?*

*Inħalli jagħtini l-viżjoni tiegħu?*

# Viżjoni

Ma rridx, Mulej,
ma nkunx waħda min-nagħaġ tiegħek
li tagħrfek bħala r-Ragħaj it-tajjeb tagħha!
Ma rridx ma nkunx waħda min-nagħaġ tiegħek
li bik tara d-direzzjoni vera tagħha!
Ma rridx ma nkunx waħda min-nagħaġ tiegħek
li xxomm l-attenzjoni tiegħek!
Ma rridx ma nkunx waħda min-nagħaġ tiegħek
li bik tkun moħħha mistrieħ!
Ma rridx ma nkunx waħda min-nagħaġ tiegħek
li bik tasal għand ir-Ragħaj il-Kbir!
Agħtini l-fidi, Mulej,
fidi li tħares minn għajnejk,
fidi li tkun imdawla
mill-viżjoni tiegħek,
fidi ta' vera.

## L-Erbgħa, 15 ta' Mejju 2019

Ġesù għolla leħnu u qal:
"Min jemmen fija
jkun qiegħed jemmen mhux fija
imma f'min bagħatni;
u min jara lili jkun
qiegħed jara lil min bagħatni.
Jiena huwa d-dawl li ġejt fid-dinja
biex kull min jemmen fija
ma jibqax fid-dlam.
Min jisma' kliemi u ma jħarsux,
jiena ma nagħmilx ħaqq minnu,
għax jien ma ġejtx biex nagħmel
ħaqq mid-dinja, iżda biex insalvaha.
Min imaqdar lili u ma jilqax kliemi,
hemm min jagħmel ħaqq minnu:
il-kelma li jiena għedt; tkun hi li
tagħmel ħaqq minnu fl-aħħar jum."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann,
kapitlu 12, versi 44-48***



"Il-Kelma tagħti l-ħajja lil kull min jemmen waqt li tgħallmu jiċħad lilu nnifsu biex ixandar lilU. F'dan is-sens iġġib ruħha bħal xabla li taqta', li meta tidħol 'il ġewwa tgħarbel il-ħsibijiet u s-sentimenti, twassal għad-dawl il-verità, tferi biex tfejjaq. Il-Kelma twasslu lil dak li jkun biex jgħix skont l-Għid: bħal żerriegħa li filwaqt li tmut tagħti l-ħajja, bħal għeneb li għax jgħaddi mill-magna tal-għasir jagħti l-inbid, bħal żebbuġ li għax jingħasar jagħti ż-żejt."

PAPA FRANĠISKU,
*Diskors,* Kungress Internazzjonali, Federazione Biblica Cattolica, Vatikan, 26 April 2019

# Skont l-Għid

*Il-Kelma ta' Alla x'influwenza għandha fuqi?*

*Nixli lili nnifsi biha?*

Il-Kelma tiegħek, Mulej,
mhijiex kelma kwalunkwe:
hija Kelma qawwija;
hija Kelma
li quddiemha ma tistax tkun newtrali.
Għal min iħalliha tidħol f'qalbu
hija Kelma li tixlih
biex toħroġ l-aħjar minnu:
hija Kelma li ġġiblu l-mewt,
li toqtollu
dak kollu li jkun għalih ta' jasar;
imma hija wkoll Kelma li ġġiblu l-ħajja,
li ssieħbu minn issa fil-Qawmien.
Tħallinix nibża', Mulej,
nikkonfronta lili nnifsi
mal-Kelma tiegħek.

## Il-Ħamis, 16 ta' Mejju 2019

Ġesù qal
lid-dixxipli tiegħu:
"Tassew tassew ngħidilkom,
l-ilsir mhuwiex aqwa minn sidu,
anqas il-messaġġier
ma hu aqwa
minn min jibagħtu.
Jekk dawn il-ħwejjeġ tafuhom,
henjin intom
jekk tagħmluhom ...
Tassew tassew ngħidilkom,
min jilqa'
lil min nibgħat jien,
ikun jilqa' lili,
u min jilqa' lili,
ikun jilqa'
lil dak li bagħatni."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann, kapitlu 13, versi 16-17. 20***

# 166

"Il-proxxmu - fuq kollox l-iċken wieħed u l-iżjed li qed ibati - isir il-wiċċ konkret li lilu rridu nagħtu l-imħabba li Ġesù ta lilna. U d-dinja ssir l-ispazju tal-ħajja ġdida tagħna ta' mqajmin. Aħna qomna ma' Ġesù: fuq saqajna, b'rasna merfugħa; u nistgħu naqsmu fl-umiljazzjoni ta' dawk li anki llum, bħal Ġesù, qegħdin fit-tbatija, fl-għera, fil-ħtieġa, fis-solitudni, fil-mewt, biex insiru - grazzi għalih u miegħu - strumenti ta' fidwa u ta' tama, sinjali ta' ħajja u ta' qawmien."

PAPA FRANĠISKU,
*Udjenza Ġenerali,* 28 Marzu 2018

*X'ħeġġa għandi biex nixbah lil Kristu Qaddej?*

*Nagħżel jien lil min naqdi?*

# Stedina waħda

Inti tibgħatli ħafna persuni fi triqti, Mulej:
xi wħud jinżluli,
oħrajn le;
xi wħud nieħu gost li niltaqa' magħhom,
oħrajn le;
xi wħud narahom anġli,
oħrajn narahom xjaten!
Imma Inti dejjem l-istess stedina tagħmilli:
biex nilqagħhom u 'naħslilhom saqajhom',
huma min huma.
Nistqarr li xi drabi nsibha diffiċli ħafna
biex nagħmel dan.
Imma ħallini niftakar, Mulej,
li jekk jien qed nimxi warajk
ma nistax ma nagħmilx
dak li tagħmel Inti.

## Il-Ġimgħa, 17 ta' Mejju 2019

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Tħallux qalbkom titħawwad!
Emmnu f'Alla,
u emmnu fija wkoll.
Fid-dar ta' Missieri
hemm ħafna postijiet.
Li ma kienx hekk,
kont ngħidilkom:
"Sejjer inħejjilkom
fejn toqogħdu"?
U meta mmur u nħejjilkom post,
nerġa' niġi
biex neħodkom miegħi
biex, fejn inkun jien,
tkunu intom ukoll.
U t-triq għall-post fejn sejjer
tafuha."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann,***
***kapitlu 14, versi 1-4***



"Il-ġenna la hi xi post tal-ħrejjef u lanqas xi ġnien tas-sħarijiet. Hija t-tgħanniqa ma' Alla, Imħabba bla tarf, u nidħlu fiha grazzi għal Ġesù, li miet fuq is-salib għalina ... Ġesù jrid jeħodna fl-isbaħ post li jeżisti. Irid jeħodna hemm b'dak il-ftit jew ħafna ġid li għamilna f'ħajjitna, biex xejn ma jintilef minn dak li hu diġà feda. U fid-dar tal-Missier se jieħu wkoll dak kollu li fina għad għandu bżonn jinħeles: in-nuqqasijiet u l-iżbalji ta' ħajja sħiħa. Din hija d-destinazzjoni ta' ħajjitna: li kollox jitwettaq, u jinbidel fi mħabba."

PAPA FRANĠISKU,
*Udjenza Ġenerali*, 25 Ottubru 2017

# Post merfugħ

*Nemmen tassew li Alla lili jrid iħaddanni miegħu?*

*Kif qed inwieġeb għal din ix-xewqa tiegħu?*

Mulej, Inti tiżgurana
li fi ħdan il-Missier
hemm post għal kulħadd:
hemm post għalija
u għal kull bniedem;
hemm dak il-post
li Inti tant titħabat
biex tirriservah għalina;
hemm dak il-post
li ma taħmilx tarah battal;
hemm dak il-post
li ma tkunx kwiet
jekk ma timliehx bina.
X'fedeltà!
X'fedeltà għandek lejna l-bnedmin!
X'fedeltà għandek lejn Alla Missierek!

## Is-Sibt, 18 ta' Mejju 2019

Tumas qal lil Ġesù: "Mulej,
aħna ma nafux fejn inti sejjer.
Kif nistgħu nafu t-triq?"
Wieġbu Ġesù:
"Jiena hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja.
Ħadd ma jmur għand il-Missier
jekk mhux permezz tiegħi.
Kieku għaraftu lili,
kontu tagħrfu wkoll lil Missieri.
Minn issa 'l quddiem tagħrfuh,
anzi diġà rajtuh."
Qallu Filippu: "Mulej, urina l-Missier,
u jkun biżżejjed għalina."
Ġesù wieġeb:
"Ili daqshekk magħkom, Filippu,
u għadek ma għaraftnix?
Min ra lili ra lill-Missier."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann,***
***kapitlu 14, versi 5-9a***



"Il-ħajja tal-fidi hija mixja ...
Nisrani li mhux f'mixja,
li ma jaqtax għal għonq it-triq,
mhu nisrani xejn. Hu nisrani
xi ftit pagan; qiegħed hemm,
wieqaf, ma jimxix 'il quddiem
fil-ħajja nisranija, f'ħajtu
ma jwarrdux il-Beatitudnijiet,
ma jagħmilx opri tal-ħniena ...
Jeżistu nsara li huma
mummji spiritwali, weqfin; insara
ta' ras iebsa, insara li jimxu bla
ma jafu fejn sejrin; u hemm insara
oħra li jissaħħru wara s-sbuħija
ta' xi ħaġa u jieqfu nofs triq."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni,* 3 Mejju 2016

*Fiex inhi*
*l-mixja tiegħi*
*wara Kristu?*

*Inħalli H*
*jakkumpanjani?*

# Għal għonq it-Triq

Minn ħajti, Mulej,
Inti tistenna li nagħmel pellegrinaġġ kontinwu:
mixja li ma taqta' qatt
fit-triq tiegħek
li twassal sa għand il-Missier.
Hija mixja li Inti trid tagħmilha miegħi.
U mnalla!
Għax mingħajrek,
inċedi quddiem it-tlajja';
mingħajrek ngħejja malajr;
mingħajrek nieqaf nofs triq;
mingħajrek inħares lura;
mingħajrek jerġa' jibdieli;
mingħajrek nitlef it-triq.
Ħa nżommok dejjem ħdejja;
ħa nżommok dejjem miegħi.